

32005D0764

L 288/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.10.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ottubru 2005

li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-provinċja ta' Grosseto fir-Reġjun ta' Toscana fl-Italja hija ħielsa mill-bruċcelloži (*B. melitensis*) u d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li Franza hija ħielsa mill-bruċcelloži bovina

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4187)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/764/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettaww il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-annimali bovini u tal-majjali (¹), u b' mod partikolari l-Anness A (II) (7) magħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jan-nar 1991 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-annimali ovini u kaprini (²), u b' mod partikolari l-Anness A, Kapitolu 1, il-punt II tiegħi,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tirregista l-konformità minn ġerti Stati Membri jew reġjuni mal-kondizzjonijiet li jittrattaw dwar il-bruċcelloži (*B. melitensis*) u li tinnominahom bħala Stat Membru jew reġjun li huwa ħieles uffiċjalment mill-marda (³) telenka r-reġjunijiet ta' l-Istati Membri li huma rikonoxxuti bħala ħielsa uffiċjalment mill-bruċcelloži (*B. melitensis*) skond id-Direttiva 91/68/KEE.
- (2) Fil-provinċja ta' Grosseto fir-Reġjun ta' Toscana, mill-inqas 99,8 % ta' l-impriżi ovini jew kaprini huma uffiċjalment impriżi ħielsa mill-bruċcelloži. Barra minn hekk, dik il-provinċja għandha tikkonforma ma' ġerti kondizzjonijiet oħrajn stipolati fid-Direttiva 91/68/KEE li jikkonċernaw il-kontrolli aleatorji li għandhom isiru wara r-rikonoxxiement li provinċja kkonċernata hija ħielsa mill-bruċcelloži.
- (3) Il-provinċja ta' Grosseto fir-reġjun ta' Toscana għandha għal-hekk tiġi rikonoxxuta bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċcelloži (*B. melitensis*) fir-rigward ta' l-impriżi ovini u kaprini.
- (4) Il-lista ta' reġjuni ta' l-Istati Membri li huma ddikjarati ħielsa mit-tuberku bħala u mill-lewkożi enżootika bovina, mill-bruċcelloži bovina u mill-lewkożi enżootika bovina huma elenkti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KEE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istat uffiċjali ta' ġerti

Stati Membri u reġjuni ta' Stati Membri bħala ħielsa mit-tuberku bħala u mill-bruċcelloži u mill-lewkożi enżootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovina (⁴).

- (5) Wara evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-dokumentazzjoni li tressaq minn Franza, sabiex juru l-konformità mal-kondizzjonijiet xierqa li huma pprovduti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward ta' l-ħelsien mill-bruċcelloži bovina, dak l-Istat Membru kollu għandu jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mill-bruċcelloži bovina.
- (6) Id-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.
- (7) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 93/52/KEE huwa emendat kif stipolat fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2003/467/KEE huwa emendat skond l-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

(²) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19. Direttiva kif laħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/554/KE (ĠU L 248, 22.7.2004, p. 1).

(³) ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2005/604/KE (ĠU L 206, 9.8.2005, p. 12).

(⁴) ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2005/604/KE.

ANNESS I

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE hu mibdul b' li ġej:

"ANNESS II

Fi Franzja:

Dipartimenti:

Ain, Aisne, Allier, Ardèche, Ardennes, Aube, Aveyron, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Essonne, Eure, Eur-et-Loire, Finistère, Gers, Gironde, Hauts-de-Seine, Haute-Loire, Haute-Vienne, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Jura, Loir-et-Cher, Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot-et-Garonne, Lot, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Morbihan, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dôme, Rhône, Haute-Saône, Saône-et-Loire, Sarthe, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Vendée, Yonne, Yvelines, Ville de Paris, Vosges.

Fl-Italja:

- Reġjun tal-Lazio: Provinċji ta' Rieti, Viterbo.
- Reġjun tal-Lombardia: Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Milano, Pavia, Son-drio, Varese.
- Reġjun tal-Marche: Provinċji ta' Ancona, Ascoli Piceno, Macerata, Pesaro, Urbino.
- Reġjun tal-Piemonte: Provinċji ta' Alessandria, Asti, Biella, Cuneo, Novara, Torino, Verbania, Vercelli.
- Reġjun ta' Sardenja: Provinċji ta' Cagliari, Nuoro, Oristano, Sassari.
- Reġjun tat-Trentino-Alto Adige: Provinċji ta' Bolzano, Trento.
- Reġjun tat-Toskana: Provinċji ta' Arezzo, Firenze, Grosseto, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato, Siena.
- Reġjun ta' l-Umbria: Provinċji ta' Perugia, Terni.

Fil-Portugall:

Ir-Reġjun Awtonomu ta' l-Azores.

Fi Spanja:

Ir-Reġjun Awtonomu tal-Gżejjjer Kanarji: Provinċji ta' Santa Cruz de Tenerife u Las Palmas."

ANNESS II

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, Kapitolu 1 hu mibdul b' li ġej:

“KAPITOLU 1

STATI MEMBRI LI HUMA UFFIĆJALEMNT ĦIELSA MILL-BRUĊELLOŻI

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
FR	Franza
LU	Il-Lussemburgu
NL	L-Olanda
AT	L-Awstrija
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvejja”